TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Novembru, 2023**

**Talba Nru: CCT183/23/DS**

**Carlo u Rita Debono**

**Vs**

**Petroni Ltd. (C18602)**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fil-5 ta' Ottubru, 2023 fejn talbu illi s-soċjeta' intimata tħallas elf tlett mija tnejn u għoxrin Ewro (€1,322) f'rifużjoni ta' ħlas rappreżentanti l-ammont imħallas għal *gas cooker* minħabba illi l-istess *cooker* f'żewġ okkażjonijiet kellu ħsara fit-*timer* li l-atturi jirritjenu jqajjem dubbji dwar is-sigurta' tiegħu;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba daħlet risposta fid-19 ta' Ottubru, 2023;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda kollha bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermaw it-talba tagħhom u l-informazzjoni li hemm fiha taħt ġurament u wieħed mill-atturi ta x'xhieda ampja tiegħu, dwar kif ġraw il-fatti li wasslu biex it-timer tal-*cooker* kellu n-neċessita' li jiġi mibdul f'żewġ okkazjonijiet;

Illi jirriżulta wkoll illi għalkemm is-soċjeta' intimata provat tirrimedja permezz ta' bdil tat-*timer* fl-ewwel okkazjoni minħabba l-ħsejjes u t-tieni darba minħabba illi f'parti minnu ma kienetx qiegħda tixgħel bożża, kif ukoll billi s-soċjeta' intimata offriet illi jiżdied iż-żmien li l-atturi stennew għat-*timer* il-ġdid peress li dam ma ġie minn barra, l-atturi ma aċċettawx u xorta riedu illi jiġu rifużi l-ħlas u jirritornaw il-*cooker*.

Illi mill-provi jidher illi t-*timer* ma kellu x'jaqsam xejn ma l-element tal-gas illi bih jaħdem il-*cooker* u l-fatt illi t-*timer* kienet marritlu bożża, għalkemm kien inkonvenjent, ma kienx qiegħed ikun ta' l-ebda perikolu. Jidher ukoll mill-fatti esposti illi s-soċjeta' attriċi għamlet dak kollu li setgħhet biex taqdi lill-atturi u ma jidher li kellha l-ebda tort fid-dewmien biex jasal it-*timer* il-ġdid. Hija provat ukoll tirrimedja bl-aktar mod ampju u r-raġuni għaliex ma riedetx tagħti rifużjoni hi għaliex m'hemmx dritt u lok għaliha.

Illi ġaladarba s-soċjeta' attriċi offriet li tibdel it-*timer* u żżid mal-garanzija u l-atturi rrifjutaw, dan it-Tribunal m'huwiex tal-fehma illi s-soċjeta' attriċi naqset mid-dmirijiet tagħha skont il-liġi.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provawx il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhom għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**